MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 477/2002/1

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera *L'Oreal* SA**

**vs**

**Frans Bezzina Wettinger**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur *nomine* fis-26 ta' April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi;

Is-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka *L'Oreal* (Dok A hawn anness).

Dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark in kwistjoni* billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-

rigward ta' oggett li huwa identitci ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta' attrici giet registrata.

Ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

Ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti spaccjati u jew prodotti mill-konvenut bil-marka proprjeta' tas-socjeta' attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta' L-Att dwar it-*Trademarks*.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark L'Oreal* proprjeta' tas-socjeta' attrici.

2. Tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni li sofriet is-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

5. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti mill-konvenut bit-*trademark* tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' diskrizzjoni u mandat ta' qbid presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa ecepixxa illi:

1. L-attur *nomine* irid fl-ewwel lok jaghti prova li ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta' estera.

2. It-tieni (2) u r-raba' (4) talba tac-citazzjoni huma identici.

3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-eccipjent ma kkontravjena l-ebda *trademark*, u ghalhekk it-talbiet ta' l-attur *nomine* ghandhom jigi michuda.

4. F'kull kaz, l-eccipjent qieghed jikkontesta li huwa kkaguna xi danni lill-attur *nomine*.

5. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent m'ghandu jbati l-ebda spejjez mehud *in konsiderazzjoni* li huwa ghadda lill-attur *nomine* l-informazzjoni kollha li ntalbet minghandu.

Bl-ispejjez kontra l-attur *nomine* u b'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni li sofra u ghadu qieghed isofri l-eccipjent b'rizultat ta' l-agir tal-attur *nomine.*

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Osservazzjonijiet ipprezentata mill-attur *nomine*;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur *nomine* huwa proprjetarju tal-marka *"L'Oreal"* li, taht diversi aspetti, hija registrata hawn Malta sa mill-1986, u dana taht l-isem *"Free Style L'Oreal"*. Il-marka *"L'Oreal"* waheda giet registrata hawn Malta fl-1991, u sussegwentement gew registrati wkoll diversi marki ohra li jkunu komposti mill-isem *"L'Oreal"* b'aggunta diskrittiva ohra. Hawn Malta d-ditta *"L'Oreal"* hija, tista' tghid sa mill-bidu nett, rapprezentata mid-ditta Collis Williams. Hija din id-ditta li ghandha l-agenzija tad-ditta estera u l-poter biex b'mod esklussiv tiddistribwixxi prodotti bil-marka *"L'Oreal"* hawn Malta.

Il-konvenut, ghal-habta tal-1992, mar gewwa l-Bulgarija bil-hsieb li jiftah *boutique* fl-*airport* internazzjonali ta’ Sofia. Peress li kien moghti x’jifhem li kien se jkollu l-permess relattiv, huwa beda jixtri, mill-Bulgarija stess, diversi prodotti ghal-eventwali uzu minnu fil-*boutique* li kien bi hsiebu jiftah. Gara, *pero’*, li ghalkemm il-permess ghal-operazzjoni ta’ *boutique* mill-*airport* inhareg, dan il-permess kien jesigi li l-hanut ikun operat biss minn persuni ta’ nazzjonalita’ Bulgara. Il-konvenut tilef l-interess f’dan in-negozju, u eventwalment gab f’Malta l-prodotti li kien xtara preventivament mill-Bulgarija. Huwa gabhom hawn Malta b’mod legittimu u anke hallas dazzju ta’ ‘l fuq minn Lm800 biex seta’ jdahhalhom fil-pajjiz. Jidher, li meta gab il-merkanzija Malta, pogga dik il-merkanzija (li kienet tikkonsisti f’64 kaxxa *Hair Gel*) fil-mahzen tieghu u insiehom hemm. Recentement, ghal-habta tal-2002, iddecieda li jiddisponi minnhom u avvicina lis-*salesman* tad-ditta Collis Williams (peress li l-konvenut kien jaf li dik id-ditta kienet l-agent hawn Malta tad-ditta *L’Oreal*), u staqsieh jekk id-ditta riedetx tehodhom u tqassamhom hi mal-ispizzeriji lokali. Id-ditta Collis Williams ma riedetx dik il-merkanzija u l-konvenut, *allura*, halla kollox fl-imhazen tieghu.

Is-seftura tal-konvenut, *pero’*, flimkien mar-ragel taghha, kienet tmexxi negozju zghir ta’ importazzjoni u beigh ta’ prodotti li jistockjaw il-parrukkiera, u meta saret taf b’din il-merkanzija, talbet lill-konvenut li tinghata ftit minn dak il-prodott; il-konvenut accetta u, f’zewg okkazzjonijiet, ta’ lis-seftura tieghu konsenja ta’ din il-merkanzija, u ta’ wkoll id-dritt li tinnegozjhom bil-qligh jibqa’ ghaliha. Din is-seftura, innegozjat il-*Hair Gel in kwistjoni* u, ghal-ewwel darba, tpogga fis-suq lokali il-prodott li l-konvenut kien gab mill-Bulgarija snin qabel. Gara wkoll li l-konvenut, li hu kummercjant, izomm fl-imhazen tieghu diversi prodotti ohra *in konnessjoni* man-negozju tieghu, u l-burdnara, meta raw li dik il-merkanzija partikolari baqghet fl-imhazen tul ta’ snin, talbu lill-konvenut jekk setghux jiehdu xi kaxxa jew tnejn; il-konvenut akkonsentixxa u, fil-fatt, hekk ghamlu. Il-konvenut ukoll ma eskludhix li xi burdnara

hadulu xi kaxxex minn dik il-merkanzija minghajr ma nfurmawh jew talbuh il-permess.

Il-konvenut spjega li huwa kien xtara l-prodotti *in kwistjoni* minghand il-fabbrika Alen Mak gewwa l-Bulgarija. Hu qal li din hi fabbrika kbira f'dak il-pajjiz u li ilha tinnegozja 'l fuq minn 100 sena. Huwa wera, u fuq dan ma giex kontradett, illi din il-fabbrika kellha ftehim jew arrangament biex tispaccja prodotti tal-marka *"L'Oreal"* gewwa l-Bulgarija. Fil-fatt, osserva li din il-fabbrika kellha licenzja tiddistribwixxi *cosmetic products* ta' diversi marki ohra, fosthom, *"Schwarzkopf"*, *"Dior"* u *"Garnier"*. Il-konvenut wera li d-ditta Bulgara kienet ilha taghmel dan in-negozju miz-zmien it-tmeninijiet u qatt ma kellha problemi mal-proprjetarji ta' dawn il-marki famuzi. Hu, ghalhekk, isostni li xtara dawn il-prodotti b'mod legittimu u fil-berah, u, eventwalment, importhom gewwa Malta wkoll b'mod legittimu. Il-prodotti, hu sahaq, mhux prodotti foloz jew *counterfeit*, izda prodotti li kienu gew mibjugha legittimament minn fabbrika li kellha ftehim f'dan is-sens minghand il-proprjetarju tal-marka *"L'Oreal"*. L-argument tal-konvenut huwa illi darba li l-prodott titqieghed fis-suq mill-proprjetarju jew minn xi hadd ghan-nom tieghu jew b'licenzja minghand il-proprjetarju, allura dak il-prodott huwa mehlus mill-protezzjoni u jista' jigi re-negozjat.

Dan il-principju huwa rikonoxxut fid-duttrina u hu meqjus bhala *"The Principle of Exhaustion of Rights"*. Dan il-principju itenni li darba prodott jitpogga fis-suq, il-proprjetarju jkun ezawrixxa d-drittijiet tieghu fuq dak il-prodott; x'jigri mill-prodott wara li dan jitqieghed fis-suq ma jinteressax lill-proprjetarju. Dan il-principju gie stabbilit fil-kuntest ta' *trademarks* anke mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kawza "Centraform vs Winthrop" (kaz numru 16/74), deciz fil-31 ta' Ottubru, 1974. Dan il-principju gie accettat anke hawn Malta fil-kuntest ta' konkorenza sleali. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "La Rosa vs Borg", deciza fil-5 ta' Marzu, 1956, kienet irrimarkat li dak li *"jintroduci f'suq, ghall-bejgh fl-istess suq, merkanzija tal-istess ditta li taghha, f'dak is-suq, hadd iehor ikun l-agent jew rapprezentat"*, ma jikkometti ebda konkorenza illecita skond il-ligi kummercjali. Ricentement, din il-Qorti, fil-

kawza "Gauci Maistre noe vs Mizzi noe", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, ribadit dan il-principju u qalet li *"parallel trading, malgrado li jista' johloq tassew tahwid fil-mohh tal-konsumatur riferibbilment ghal min ikun jippretendi u jivvanta sole agency, pero', madankollu jidher li hija prattika tollerata fil-limiti tal-legalita'"*

Fil-kuntest ta' *trademarks* dan il-principju gie enuncjat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Stefan Ltd vs Save-On Discount Stores Ltd", deciza fit-28 ta' April, 1998. F'dik il-kawza, is-socjeta' attrici, bhala proprjetarju tal-marka *"Stefanel"*, oggezzjonat ghal-fatt li d-ditta konvenuta, mhux agenti taghha, kienet qed tispacca fis-suq lokali prodotti bil-marka *"Stefanel"*. Kemm din il-Qorti, kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdu din it-talba, wara li gie osservat li ghalkemm proprjetarju ta' marka ghandu dritt ghal-*"exclusive use"* tal-istess marka, dan ma jfissirx li l-proprjetarju jista' jinibixxi lil xi hadd iehor milli jbiegh jew jinnegozja fi prodotti originali u genwini tad-ditta *"Stefanel"*. Il-kliem *"exclusive use"* jirreferu ghal-uzu bhala indikazzjoni tal-origini tal-prodotti, izda darba jirrizulta li l-prodott huwa genwien, il-proprjetarju ta' dik il-marka ma jistax izomm lil xi terz milli jinnegozja dawk il-prodotti b'dik il-marka. Darba li negozjant ma jkunx qed jaghmel uzu minn marka ta' hadd iehor fuq prodotti tieghu, izda jkun qed ibiegh prodotti genwini, dak l-*"uzu"* li jkun qed jaghmel tat-*trademark*, ikun uzu legittimu.

Din, mela, kienet is-sitwazzjoni hawn Malta sa ftit ta' snin ilu. Illum, il-pozizzjoni trid tigi riveduta fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-ligijiet tal-Unioni Ewropea, u, l-ligi l-gdida Maltija tat-*Trademarks*, illum inkorporata f'Kap. 416 tal-ligijiet ta' Malta. Fil-fatt, skond il-gurisprudenza, tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja, ghandha tapplika l-*"exhaustion principle"*, f'kaz biss ta' introduzzjoni tal-prodott f'xi pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea; f'kaz li l-prodott ikun introdott f'suq barra mill-Unjoni Ewropea, il-proprjetarju tal-marka relattiv, ma jitlifx id-dritt tieghu ta' protezzjoni fost il-membri tal-Unjoni Ewropea (ara l-kazijiet maghrufa bhala il-"Zino Davidoff Cases", decizi fl-20 ta' Novembru, 2001).

Fil-ligi ta’ Malta li tirregola t-*Trademarks*, l-Att XVI tal-2000, illum Kap. 416, insibu fl-artikolu 12 illi:

*“Trademark ma taghti ebda jedd lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-uzu ghar-rigward ta’ oggetti li jkun fihom dik it-trademark li jkunu tqieghdu fis-suq mill-proprjetarju jew bil-kunsens tieghu”*

Sa hawn, dan il-provediment, jirrifletti l-pozizzjoni li dejjem hadet il-gurisprudenza lokali fil-kuntest.

Is-sub-artikolu (3), *pero’*, jaghti definizzjoni tal-kelma *“suq”* u jghid li, ghal-fini ta’ dak l-artikolu, il-kelma *“suq”* tfisser *“is-suq f’Malta u mill-1 ta’ Mejju, 2004, is-suq f’kull Stat Membru”* tal-Unjoni Ewropea.

Bis-sahha ta’ dan l-artikolu l-pozizzjoni f’Malta giet aleneata ma dik fl-Unjoni Ewropea, bir-rizultat li l-introduzzjoni tal-oggett bit-*trademark* f’suq ta’ pajjiz li mhux membru tal-Unjoni Ewropea, ma ccahhadx lill-proprjetarju mid-drittijiet tieghu ghall-uzu ta’ dik it-*trademark* f’suq ta’ xi pajjiz membru. *Kwindi*, biex proprjetarju jitlef id-dritt tieghu fuq *trademark* gewwa Malta, irid jirrizulta li dak il-prodott innifsu kien gie introdott f’Malta jew f’xi stat iehor membru tal-Unjoni Ewropea bil-kunsens tal-proprjetarju (liema *“kunsens”* skond il-“Zino Davidoff Cases”, ma jistax ikun prezunt minn cirkustanzi negattivi).

Jirrizulta, u dan hu anness mill-konvenut stess, li l-prodotti *in kwistjoni* gew mixtrija mill-Bulgarija, li mhux Stat membru tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li l-proprjetarju tal-marka *in kwistjoni*, ma tiliefx id-drittijiet tieghu f’Malta u fl-Istati l-ohra tal-Unjoni Ewropea, u l-ispacc ta’ dawk il-prodotti gewwa Malta jikser id-drittijiet tal-proprjetarju. Din hi l-pozizzjoni l-gdida li issa bdiet topera hawn Malta b’rizultat tas-shubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea u bl-introduzzjoni tal-ligi l-gdida tat-*Trademarks*, li dahlet *in vigore* fl-1 ta’ Jannar, 2001, *ai termini* tal-Avviz Legali 282 tat-2000.

F'dan il-kaz, jirrizulta, *pero'*, li l-prodotti gew impurtati hawn Malta fl-1992. Il-Kap. 416 ghandu sezzjoni li jittratta Provvedimenti Transitorji u l-artikolu 92 jipprovdi dan li gej:

*"**92.** (1) Mal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, l-artikoli 9 sa 12 ta' dan l-Att ghandhom japplikaw ghar-rigward ta' marka registrata ezistenti u bla hsara ghas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-artikolu 14 ta' dan l-Att ghandu japplika ghar-rigward ta' xi kontravvenzjoni ta' marka registrata ezistenti li ssir wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att.*

*(2) Wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ma tkunx kontravvenzjoni ta':*

*(a) marka registrata ezistenti, jew*

*(b) trademark registrata li l-elementi distintivi taghha huma l-istess jew sostanzjalment l-istess bhal dawk ta' marka registrata ezistenti u li tkun registrata ghall-istess oggetti jew servizzi,*

*jekk dawn ikomplu b'xi uzu li ma jkunx ammonta ghal kontravvenzjoni tal-marka registrata ezistenti taht il-Ligi l-Qadima"*

*Kwindi*, jekk l-*"uzu"* tat-*trademark* mill-konvenut kien isir qabel l-1 ta' Jannar, 2001, it-tkomplija ta' dak l-uzu ma jkunx kontravenzjonali, jekk ma kellux dak il-karattru taht il-ligi l-qadima, u *cioe'*, l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29). Gia' intwera, li taht ir-regim il-qadim, l-introduzzjoni ta' oggett bit-*trademark* fis-suq ta' *kwalunkwe* pajjiz iehor, hu fejn hu, kien ifisser li l-proprjetarju esawrixxa d-drittijiet tieghu fuq dak it-*trademark*. Dak li issa, allura, irid jigi determinat huwa jekk il-konvenut kienx qed *"juza"* il-merkanzija qabel l-1 ta' Jannar, 2001.

L-uzu kontravenzjonali ta' *trademark* registrata jinsab regolat fl-artikolu 10 tal-indikat Kap. 416. Fis-sub-artikolu (4) ta' dan l-artikolu hemm tifsira tal-kelma *"uzu"*, u jinghad li persuna tuza sinjal jekk, b'mod partikolari, hija:

*(a) twahhalha ma l-oggetti jew ma l-ippakkettjar taghhom;*

*(b) toffri jew tesponi oggetti ghal bejgh, tohroghom fis-suq jew tahzinhom ghal dawk l-ghanijiet taht is-sinjal, jew toffri jew tformi servizzi taht is-sinjal;*

*(c) timporta jew tesporta oggetti taht is-sinjali; jew*

*(d) tuza s-sinjal fuq kartolerija kummercjali jew fir-reklamar".*

Dawn it-tifsira tal-kelma *"uzu"* jinsabu elenkati fl-alternattiv b'mod li *kwalunkwe* wiehed mill-erba' ezempji elenkati, jitqies *"uzu"* ghal-fini tal-ligi.

Jirrizulta pruvat li l-konvenut kien importa l-oggetti bis-sinjal *"L'Oreal"* fil-1992, u *kwindi*, skond is-subparagrafu (c) tas-subartikolu (4) fuq imsemmi, huwa kien, f'dik is-sena, diga' qed jaghmel *"uzu"* mit-*trademark in kwistjoni*. Dak l-uzu, f'dik l-epoka, kien koncess u ma kienx jitqies kontravvenzjonali, u *kwindi* t-tkomplija ta' dak l-*"uzu"* wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 416 ma jistax u m'ghandux, skond l-artikolu 92 tal-istess ligi, jitqies li huwa bi kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-proprjetarju.

Dan, ovvjament, jissustixxi jekk il-prodott ikun originali; l-ispacc ta' prodotti *counterfeit* huwa projbit bil-ligi u dak li jkun ma jsib ebda protezzjoni gudizzjarja f'kaz li jkun qed juza t-*trademark* fuq oggetti mhux originali, jigifieri mhux tad-ditta proprjetarja tal-marka. Dan gie konfermat fil-kawza "Stefanel", kwotata aktar qabel, u wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Valenzia noe vs Cilia", deciza fid-19 ta' Jannar, 1994, li kienet tittratta l-ispacc ta' zraben mhux originali bil-marka *"Clarks"*.

Is-socjeta' attrici resqet il-prova ta' min ghamel test kliniku fuq il-kontenut tal-*Hair Gel* importat mill-konvenut. Dan ix-xhud, Gianfranco Ratto, spjega li l-*Hair Gel forte* li tipproduci *"L'Oreal"* ikun ta' kulur rosa, *mentre* l-*istocc* importat mill-konvenut, li hu wkoll tat-tip *"forte"*, huwa blu; huwa qal li d-ditta tieghu ma tippermetti qatt anomalia

bhal din. Hu qal ukoll li l-*gel* fit-tubu impurtat mill-konvenut huwa *"piu' grumoso rispetto al nostro"*. Huwa spjega wkoll li t-tubi huma differenti, ghax fil-waqt li huma juzaw materjal tal-*plastic*, it-tubu impurtat mill-konvenut *"sembra un tubetto di un dentifricio metallo plastico"*. Hu qal ukoll li l-prodotti ta' *"L'Oreal"* ikollhom, bhala identifikazzjoni, zewg ittri u tlett numri; il-prodott impurtat mill-konvenut fih biss tmien numri.

Dan l-istess xhud spjega li hu kien qed jixhed f'isem id-ditta *"L'Oreal"* ta' Torino, izda l-*"mother company"* hija registrata fi Franza; mal-kumpanija fi Franza hu ma kien ghamel ebda kuntatt. Ma setax jghid kemm ilha d-ditta *"L'Oreal"* tipproduci prodotti tal-linja *"Studio Line"*. Hu insista li *kwalunkwe* fabbrika li tipproduci prodotti tal-marka *"L'Oreal"*, tiehu minn fejn tiehu l-licenzja, trid tiddentifika l-prodott bis-sistema normali, *cioe'*, zewg ittri u tlett numri. Ix-xhud spjega wkoll li l-*gel* fil-prodott impurtat mill-konvenut ghanda *"una miscela diversa di prodotto rispetto a quelli della formola"*. Ix-xhud huwa konvint li l-prodott *in kwistjoni* huwa *counterfeit*.

*Nonostante* dan, din il-Qorti tistqarr li x-xhieda ta' Gianfranco Ratto hallieta b'toma qarsa; l-Qorti hadet l-impressjoni li ma kienx qed jinghadilha kollox. Ix-xhud spjega l-pozizzjoni tal-prodott *"L'Oreal"* mill-*punto di vista* tas-*sede* f'Turin, imma din il-Qorti baqghet sorpriza kif xejn ma inghad mill-kumpanija principali gewwa Franza. Hu veru li din id-ditta instigat lill-attur biex jiftah proceduri kontra min, fis-suq lokali, kien qed jispacca *counterfeit products*, *pero'*, jidher mill-kontenut tal-ittra (datata 5 ta' Marzu, 2002) li hi ma kellhiex id-dettalji kollha tal-kaz. Kontra l-allegazzjoni li d-ditta Bulgara, Alen Mak, timmanufattura l-prodotti b'arrangament mad-ditta estera, ma ngabet ebda prova; kien ikun facli ghall-attur li jipproduci dokument ufficcjali mid-ditta *"L'Oreal"* ta' Franza li din qatt ma tat licenzja lil dik id-ditta jew lil xi ditta ohra Bulgara. L-attur, fil-fatt, xehed li hu kien kiteb Franza u talab informazzjoni f'dan is-sens, izda baqa' bla risposta. Tali dokument kien ikun importanti ghal-kawza, imma, kif inghad, l-istqarrija tal-konvenut li d-ditta Alen Mak tghid u tirriklama li hi ghandha *"strategic partnerships and*

*successful cooperation"* ma *"L'Oreal"* ma gietx kontradetta. In-nuqqas tas-socjeta' Franciza li tindika b'mod car jekk id-ditta Alen Mak qattx kellha licenzja minghandha, fil-kuntest ta' affirmazzjoni cara f'dan is-sens mid-ditta Bulgara, idghajjef mhux ftit il-pozizzjoni attrici. Il-kwalita' tal-prodott impurtat mill-konvenut huwa differenti, veru, minn dak immanufatturat f'Turin, *pero'*, fl-Italja jista' jkun hemm kontrolli stretti fuq il-kwalita' (partikolarment, bhala pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea), fil-waqt li f'certi pajjizi ohra (partikolarment, ta' 'l hekk imsejha tielet dinja), mhux dejjem il-kontrolli jkunu daqshekk rigidi, u d-ditti l-kbar li jipproducu fil u ghal dawn il-pajjizi soltu li jnaqqsu ftit mill-livell ta' kwalita'; il-livell, generalment, jinzamm jekk il-prodotti immanufatturati f'dawk il-pajjizi jkunu ghal-konsum f'pajjizhom, izda mhux meta l-produzzjoni tkun biss ghal-lokal jew pajjizi ohra. Il-Qorti xtaqet, kieku, tkun taf x'tip ta' kuntratt u ftehim jezisti, jekk fil-fatt jezisti, bejn id-ditta Alen Mak u min ta' l-licenzja. *Inoltre*, il-prodott impurtat mis-socjeta' konvenuta gie mqabbel ma' prodott simili immanufatturat fl-Italja, *pero'*, x'jigri f'pajjizi ohra fejn *"L-Oreal"* topera ma ntqalx. Kien, ghalhekk, li l-Qorti xtaqet tisma' aktar mid-ditta Franciza dwar l-*standards* li timponi fil-pajjizi kollha tad-dinja, u r-relazzjonijiet li din ghandha mad-diversi *licencees* taghha. Kif inhi, l-kawza tmexxiet minn *branch* wiehed tas-socjeta' *"L'Oreal"*, li ghalkemm huwa *branch* importanti, ir-rapprezentant ta' dak il-*branch* ma setghax u ma kienx f'pozizzjoni li jaghti stampa cara tas-sitwazzjoni mondjali tad-ditta *"L'Oreal"*, specjalment mal-pajjizi ex-membri tal-bloc kommunista fl-Ewropa. Il-prova li ghandha l-Qorti quddiema hi li l-konvenut importa l-prodotti minn fabbrika fil-Bulgarija li ghandha ftehim mad-ditta *"L'Oreal"* rigward il-prodotti taghha; *kwindi*, ghalkemm jista' jkun hemm differenzi fil-kwalita', ma hemmx prova li dawk il-prodotti huma *counterfeit*, jigifieri, prodotti immanufatturati mhux bil-permess jew kunsens tal-proprjetarju tal-marka.

Darba li l-prodotti mhux *counterfeit*, u darba li l-konvenut kien qed jaghmel *"uzu"* minn dawn il-prodotti qabel id-dhul fis-sehh tal-ligi l-gdida dwar it-*Trademarks*, l-agir tieghu ma kienx jitqies kontravvenzjonali, u lanqas jista' hekk jitqies illum.

*Kwindi* t-talbiet tal-attur *nomine* ma jistghux jigu milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------